MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2008

Appell Kriminali Numru. 400/2007

**Il-Pulizija**
**(Surg. J. Grima)**
**Vs**

**Dianne Gatt**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-24 t' Awwissu, 2007, u fil-jiem ta'qabel, meta hekk marbuta skond Digriet tal-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja mahrug fl-24 ta' Lulju, 2007, iddegretat mill-Imhallef Dr. J. Azzopardi, irrifjutat minghajr raguni gusta li taghti lil zewgha Conrad Neil Gatt access ghall-minuri Chayenne Gatt ta' sena w erba xhur.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Novembru, 2007, li biha, wara li rat l-artikolu 338(II) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'

Malta, sabet lill-appellanti hatja w ikkundannatha ghal gimgha (1) detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fil-ta' Novembru, 2007, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tikkancella s-sentenza appellata w konsegwentement tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni jew htija jew alternattivament tvarja s-sentenza appellata fis-sens illi filwaqt illi tikkonferma dik il-parti li tittratta s-sejbien ta' htija, timmodifika dik il-parti li tikkoncerna l-piena w timponi piena alternattiva ghal dik ta' detenzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellanti.

Rat il-verbal tal-llum li bih l-appellanti llimitat l-appell taghha ghall-piena w irtirat l-aggravji l-ohra dwar il-mertu;

Rat il-verbal li bih il-Prosekuzzjoni rrimettiet ruha dwar varjazzjoni fil-piena.

Rat is-sentenza taghha tal-10 ta' Jannar, 2008, fl-istess ismijiet (appell numru 382/07), fejn, wara li Conrad Gatt kien iddikjara illi s-sitwazzjoni ghall-access ghall-bintu recentement giet ghan-normali, w li konsegwentement, anki fl-interess ta' l-istess bintu, huwa ma insistiex li jkun hemm piena karcerarja w li jkun sodisfatt jekk ikun hemm piena pekunjarja, u fejn, fic-cirkostanzi u biex ma tezasperax is-sitwazzjoni mill-gdid bejn l-appellanti w zewgha din il-Qorti kienet varjat il-piena.

Ikkonsidrat;

Illi anki f' din il-kawza jidher opportun, li ghall-istess ragunijiet imsemmija fis-sentenza fuq citata, ghandu jkun hemm varjazzjoni fil-piena billi minnflok il-piena restrittiva tal-liberta' jkun hemm piena pekunjarja.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell limitatament u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellanti hatja tal-akkuza dedotta kontra taghha w tirrevokaha in kwantu kkundannatha ghal piena ta’ gimgha detenzjoni w minflok tikkundannaha ghal piena ta’ ammenda ta' hamsin Ewro (€ 50.00) pagabbli llum stess u, fin-nuqqas, din l-ammenda tigi konvertita f’ terminu ta’ prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------